# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru : 24/2021 JPG**

**Kawza Numru : 3**

**SG**

**U**

**EG**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' SG u EG datat 18 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi il-partijiet izzewwgu fid-disa u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) gewwa il-Belt Valletta u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 773/2015*[1] *hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. SG1****;*

*Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. SG2****;*

*Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet twieldet tifla, MGG, illum ghandha tmien (8) snin;*

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti datat 9 ta' Gunju 2021

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal aktar minn erba' (4) snin;*

*Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;
Rat id-digriet taghha datat 7 ta' April 2021 (vide fol 15);
Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datata 5 ta' Mejju 2021 (vide fol 17 et seqq.);
Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;
Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;
Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EG** xehed (vide affidavit fol 18) illi daz-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar id-29 ta' April 2015, ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 6 ta' Jannar 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni. Zied jghid ma hemmx tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas arretrati ta' manteniment.

**SG** xehdet (vide affidavit fol 19) u kkonfermat dak li xehdet zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' April 2015, liema zwieg jgib c-certifikat numru 773/2015 (vide Dok SG1, certifikat taz-zwieg, a fol 3). Minn dan

iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni nhar is-6 ta’ Jannar 2017 (vide kuntratt ta’ separazzjoni Dok B a fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-partijiet ddikjaraw illi ma hemm ebda arretrati ta’ manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 773/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**